CCT/144/13/S

Darren Farrugia u Stephanie Micallef
Vs
Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd

Illum 29 t'Ottubru,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Darren Farrugia u ta' Stephanie Micallef datata 30 ta'Gunju,2013 u r-risposta tas-socjeta Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltdipprezentata fl-24 ta'Lulju,2013;

Ra d-dokumenti varji pprezentati inkluz ir-rapport tal-espert tekniku il-Perit Carmel Cacopardo, sema' lill-partijiet u l-perit *ex parte* kif ukoll l-avukati rispettivi;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda allegat difetti fil-madum mixtri u li tali difetti hargu meta dan il-madum twahhal filwaqt li s-socjeta intimata sostniet li l-madum mhux difettuz izda l-mod ta' kif dan twahhal kien zbaljat;

Illi fil-mertu, jinghad mal-ewwel li l-madum imqieghed u jekk dan sarx sew jew le, hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabbad l-espert il-Perit Arkitett Carmel Cacopardo ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"...*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova...*";

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert pero ma ra ebda lok li jiskartah anzi jaghmlu tieghu *in toto*;

Illi min-naha l-ohra r-rapport tal-espert jonqos milli jkun car fir-rigward tal-kwalita tal-madum;

Illi l-espert tekniku nominat minn dan it-Tribunal spjega fil-konstatazzjonijiet tieghu li "...*huwa car li l-madum ma tqieghedx sewwa.Imma meta wiehed jikkunsidra li l-intimati offrew is-servizz ta' tile-layers ta' esperjenza bil-fors li nasal ghall-konkluzjoni illi l-intimati kienu konxji li seta' jkun hemm*

*diffikultajiet fit-tqeghid tal-madum. Allura bil-fors trid issir il-konsiderazzjoni jekk ir-rikorrenti kinux konji bizzejjed ta' din id-diffikulta..."*[4]

Illi jidher li r-rikorrenti ma inghatawx informazzjoni bizzejjed biex jikkonfermaw li dak li kienu se jixtru, kien dak li riedu;

Illi l-konsumatur irid jigi mghejjun biex jasal ghall-ghazla tieghu b'informazzjoni dettaljata u veritiera;

Illi min-naha l-ohra r-rikorrenti kellhom jindagaw fuq l-ispecifikazzjonijiet tal-madum maghzul u dan hu facli li jsir bil-mezzi ezistenti;

Illi fil-kaz tar-rikorrenti, il-madum twahhal fil-proprjeta tieghu u li tigi that il-proprjetajiet ta' missieru u ta'huh. Ir-rikorrenti qabdu persuna tal-fiducja taghhom biex jaghmel il-livell tal-'concrete' li fuqu kellu jehel il-madum;

Illi l-konkluzjonijiet tal-espert huma s-segwenti u cioe *"li fil-waqt li l-madum m'huwiex imqieghed sewwa huwa necessarju li tkun ezaminata iktar fil-fond l-issue tal-kwalita"*;[5]

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger u ghalhekk qed tittiehed in kunsiderazzjoni il-konkluzjoni tal-espert li t-tqeghid tal-madum ma sarx sew;

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[6];

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "**Bugeja et vs Muscat**":

*"...Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli...";*

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtur minn dan it-Tribunal;

Illi r-rikorrenti isemmi fit-talba tieghu li talab madum specifiku u fl-istess talba ighid li ma inghatax taghrif bizzejjed fuq il-madum. Dan hu kuntrtadittorju. Mill-affidavit stess tar-rikorrenti jidher car li kien jaf xi jrid u ghalhekk seta' facilment jara l-madum jekk kienx dak li ried. Sussegwentement ir-rikorrenti gjaladarba (kif stqarr fl-affidavit) kien imur kuljum jara x-xoghol ta' tqeghid, seta' jikkonstata mal-ewwel jekk il-madum kienx jidher sew jew le;

Illi konsegwentement, dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha fic-cirkostanzi tal-kaz;

---

[4] Pagna 2 tar-rapport imhejji mill-espert tekniku il-Perit Arkitett Carmel Cacopardo

[5] Pagna 2 tar-rapport imhejji mill-espert tekniku il-Perit Arkitett Carmel Cacopardo

[6] "**Cauchi vs Mercieca**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "**Calleja noe vs Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Darren Farrugia u ta' Stewphanie Micallef filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd, b'kull parti thallas fi kwoti indaqs l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru